TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Jason Paul Jones**

**Vs**

**ELV Engineering Services Limited**

CCT 17/25/CC

Illum 1 ta' April, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attur ipprezentata fid-29 ta' Jannar 2025, fejn talab rifuzjoni ta' l-ammont ta' mija, disa' u tmenin ewro (€189) rapprezentanti ammont imhallas ghal sistema ta' 'intercom', jew alternattivament sostituzzjoni tas-sistema ta' l- 'intercom'.

Ra li s-socjeta intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentatx risposta, izda fis-seduta skedata ghal provi, deher ir-rapprezentant tas-socjeta intimata, li kkontesta t-talba u ddepona viva voce fl-istess seduta.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumentazzjoni ipprezentata mill-attur u mis-socjeta intimata.

Sema' l-attur Jason Paul Jones, u lil Anthony Buttigieg in rapprezentanza tas-socjeta intimata jixhdu bil-gurament fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2025.

Ikkunsidra ;

Illi jirrizulta li f'Mejju 2024 l-attur xtara minghand is-socjeta intimata intercom, ghal prezz totali ta' €189 (mija disa' u tmenin ewro). L-attur jispjega li x-xoghol fuq l-intercom ma kienx kompletat, u huwa esperjenza diffikulta sabiex jikkuntatja lis-socjeta intimata. Kien biss in segwitu li l-attur skatta l-process mad-Dipartiment tal-Konsumatur, li s-socjeta intimata kompliet ix-xoghol.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta intimata jispjega huma qatt ma kellem personalment lil attur, u l-kuntatt li kien hemm sar permezz ta' emails, jew fuq il-pjattaforma

WhatsApp. Illi s-socjeta intimata tispjega li hija offriet soluzzjoni lil attur, liema soluzzjoni intbaghtet permezz ta' email fi tlett opzjonijiet differenti. Ir-rapprezentant tas-socjeta intimata jispjega li huma qatt ma ircievew risposta ghal dawn il-proposti.

Illi jirrizulta li r-rapprezentant tas-socjeta intimata kkonferma seduta stante, li l-opzjoni li l-attur jigi rifuz l-ammont imhallas minnu kienet ghadha valida, b'dan li l-attur ghandu jhallas l-ammont ta' €50 (hamsin ewro) rapprezentanti l-hlas tal-haddiema.

Illi t-Tribunal jirrimarka li mill-atti jirrizulta li s-socjeta intimata offriet soluzzjoni lil attur, ghalkemm jirrizulta wkoll li il-komunikazzjoni bejn il-partijiet ma kienetx wahda tajba. Inoltre, t-Tribunal jirrimarka li kif ikkonfermat mir-rapprezentant tas-socjeta intimata stess fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2025, l-opzjoni li l-attur jigi rifuz l-ammont imhallas minnu kienet ghadha valida, b'dan li l-attur ghandu jhallas l-ammont ta' €50 (hamsin ewro) rapprezentanti l-hlas tal-haddiema.

Illi t-Tribunal, wara li sema' lil partijiet jixhdu bil-gurament fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2025 u wara li ra d-dokumenti ezebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-attur fic-cirkustanzi tal-kaz, ghandha tigi akkolta, b'dan li s-socjeta intimata ghandha tirrifondi lura l-ammont imhallas minnu, ta' €189 (mija, disa u tmenin ewro).

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li s-socjeta intimata stess ikkonfermat li hija offriet din l-opzjoni, b'dan li s-socjeta intimata tispecifika li l-attur ghandu jhallas ghal-haddiema. It-Tribunal in vista tac-cirkostanzi, jidhirlu li tali somma ghandha tigi rifuza lil attur fl-intier taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba avvanzata mill-attur, ghar-ragunijiet hawn elenkati.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru